MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-3 ta' April, 2009

Appell Civili Numru. 8/2009/1

**Fl-atti tar-rikors numru 315/08 fl-ismijiet**

**Joseph Bartolo**

**v.**

**Kevin Mark Bartolo u l-Kummissarju Elettorali**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ipprezentat minn Joseph Bartolo li in forza tieghu talab li Kevin Mark Bartolo jitnehha mir-Registru Elettorali peress li din il-persuna ma tikwalifikax ghall-vot minhabba inabilita` tal-mohh;

Rat id-digriet tas-16 ta’ Jannar 2009, tal-Ufficjal Revizur, Qorti tal-Magistrati (Malta), li in forza tieghu laqgha t-talba “stante li jirrizulta assodat”;

Rat ir-rikors tal-appell tal-Kummissarju Elettorali li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li:

“…ghat-tenur tal-Artikolu 13(10) tal-Att precitat il-Kummissjoni Elettorali qed tappella mill-precitata decizjoni tal-ufficjal revizur u titlob li dik id-decizjoni tigi kancellata u revokata biex il-kaz jigi deciz skond il-ligi.”

Semghet lid-difensur tar-rikorrent fl-udjenza tas-17 ta’ Marzu 2009;

Rat l-atti kollha u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi bir-rikors promotur intalbet it-tnehhija ta’ Kevin Mark Bartolo mir-Registru Elettorali peress li gie allegat li hu jinsab affett b’inabilita` tal-mohh. Fis-seduta tas-16 ta’ Jannar 2009, quddiem l-Ufficjal Revizur wara li gie konstatat li la r-rikorrent u lanqas l-intimat ma dehru, it-talba kif dedotta giet milqugha.

Il-Kummissarju Elettorali appella peress li skond il-ligi applikabbli, l-Att tal-1991 dwar l-Elezzjonijiet Generali (Kap. 354 tal-Ligijiet ta’ Malta), talba biex jithassar isem ta’ votant minn fuq ir-Registru Elettorali minhabba inabilita` tal-mohh, tehtieg decizjoni preliminari mill-Bord Mediku kompost minn tlett tobba imwaqqaf skond il-ligi.
Fil-fatt, l-Artikolu 41 tal-imsemmi Att jghid hekk fuq il-procedura li ghandha tigi segwita f’kaz ta’ allegazzjoni li votant ibati minn inabilita` tal-mohh:

“41. (1) Ufficjal Revizur ghandu qabel ma jaqta’ xi appell jisma’ lill-appellant, lill-Kummissjoni u lill-persuna, jekk ikun hemm, li kontriha jsir l-appell, jekk ikun hemm, u jippermetti dik ix-xhieda ohra u jisma’ kull xhieda ohra li jista’ jqis mehtiega.

(2) Meta l-applikazzjoni tkun ghat-thassir tar-registrazzjoni ta’ elettur minhabba f’inabilita` tal-mohh, l-Ufficjal Revizur ghandu minnufih jirreferi dik l-applikazzjoni lill-Bord Mediku msemmi fl-Artikolu 27.

(3) Id-disposizzjonijiet tas-sub-artikolu (1) ghandhom *mutatis mutandis* japplikaw ghal procedimenti quddiem il-Bord Mediku hekk kif japplikaw ghal procedimenti quddiem Ufficjal Revizur.

(4) Id-decizjoni tal-Bord Mediku ghandha tigi iffirmata mil-membri kollha tal-Bord Mediku u c-*Chairman* tieghu ghandu jirreferiha lill-Ufficjal Revizur li ghandu jaqta’ l-appell skond dik id-decizjoni.”

L-Artikolu 27, da parti tieghu, jiddisponi li l-parir unanimu tal-Bord Mediku, fit-terminu tal-istess artikolu, huwa dejjem mehtieg f’kaz ta’ allegazzjoni ta’ inabilita` tal-mohh. Dan l-artikolu fil-fatt jiddisponi illi:

“27. (1) Il-Kummissjoni ma tistax tirrifjuta applikazzjoni minn persuna sabiex tigi registrata bhala elettur, jew thassar ir-registrazzjoni ta’ elettur, jew taqta’ ismu ‘l barra mir-Registru Elettorali skond l-Artikolu 58(a) tal-Kostituzzjoni qabel ma l-Kummissarju tikseb id-decizjoni tal-Bord Mediku mwaqqaf bis-sahha tal-Artikolu 14 jew hlief jekk dik il-persuna tkun giet interdetta minhabba f’inabilita` tal-mohh minn Qorti kompetenti.

(2) Id-decizjoni tal-Bord Mediku tkun finali u torbot kemm lill-Kummissjoni u lill-elettur u ma jista’ jsir ebda appell dwarha.

(3) Id-decizjonijiet tal-Bord Mediku li elettur ikollu inabilita` tal-mohh ghandhom jittiehdu b’vot unanimu u ghandhom jitwasslu bil-miktub lill-Kummissjoni li wara tgharraf lill-elettur bihom.

(4) Kull ufficjal pubbliku ghandu jipprovdi lill-Bord b’kull tgharif li jista’ jehtieg dwar is-sahha ta’ persuna li l-jedd taghha li tigi registrata jew li tkompli tigi registrata bhala elettur ikun qieghed jigi ikkunsidrat mill-Bord.

(5) Il-Bord Mediku ghandu jirregola l-proceduri tieghu stess.”

La darba, f’dan il-kaz jirrizulta car li l-Ufficjal Revizur ma rreferix l-applikazzjoni lill-Bord Mediku imwaqqaf skond il-ligi, u li din ma tatx id-decizjoni taghha fuq il-kaz, id-decizjoni tal-Ufficjal Revizur ghandha titqies nulla u ghandha tigi revokata ghal kull fini u effetti tal-ligi.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijet premessi, tiddisponi mill-appell tal-Kummissjoni Elettorali billi tilqa’ l-istess u thassar u tannulla d-decizjoni tal-Ufficjal Revizur tas-16 ta’ Jannar, 2009, u tibghat l-atti lura lill-istess Ufficjal Revizur sabiex jistharreg u jiddeciedi l-kaz skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------